MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 596/2003

**Avviz Nru 596/03 GG**

**Yorkie Clothing Industry Ltd**

**vs**

**Victoria Caruana**

Il-Qorti;

Rat l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata minn din il-Qorti tizgombra il-hanut bl-avvjament imsemmi 'Caruanas', gja mgharuf bhala "Joyce's", gewwa 377, Triq Manwel Dimech, Sliema, liema hanut qed tokkupa

minghajr titolu validu fil-Ligi, stante illi l-kuntratt datat 24 ta' Ottubru 1973 skada u ma giex imgedded. Bl-ispejjez u bil-hlas addizzjonali tar-rata tal-kera kummercjali kif stabbilit minn dina l-Qorti, dekorribbli b'effett mid-data ta' l-iskadenza tal-kuntratt sad-data tal-pagament effettiv;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li eccepiet is-segwenti:

1. l-inkompetenza *rationae materiae*
2. fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal-premess, l-eccipjenti tokkupa l-fond *de quo* taht titolu ta' lokazzjoni
3. fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghal-premess l-premessi li fuqhom huwa minsus l-avviz huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat l-atti tal-kawza inkluz id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi skond il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Marzu, 2004 din il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari u senjatament dwar l-inkompetenza *rationae materiae*. Fl-avviz taghha, is-socjeta' attrici allegat illi l-kuntratt datat 24 ta' Ottubru 1973, prezumibilment bejn l-partijiet, kien skada u ghalhekk l-istess konvenuta qed tokkupa l-fond mertu tal-kawza bla ebda titolu. Permezz ta' nota tat-13 ta' Frar 2004, s-socjeta' attrici esebiet kopja fotostatika ta' kitba privata bejn Yorkie Clothing Industry Limited u Emanuel, Joseph, Albert, Alfred u Agostino ahwa Caruana ghas-sullokazzjoni tal-fond de quo ghal-zmien ta' hames snin *di fermo* u hames snin sussegwenti *di rispetto* rinnovabbli wara l-gheluq. Dan il-ftehim kien datat 24 ta' Ottubru 1973 u huwa il-pern tal-azzjoni tas-socejta' attrici.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta jinghad illi din hija wahda ta' ordni pubbliku u l-Qorti hija obbligata tissollevaha *ex officio* bi dmir u mhux b'fakolta' **(Av. Dr. Edgar Mizzi vs Av. Dr. Joseph Cassar et, Qorti Civili Prim'Awla 27/10/1964).** Inoltre huwa pacifiku illi ghall-ezami dwar jekk detentur ta' fond ghandux titolu jew le

huma l-Qrati ordinarji li ghandhom il-kompetenza biex jghamlu dan. Fis-sentenza **Michael Caruana vs Emanuel Micallef et** Qorti tal-Appell Civili (Ghawdex) Inferjuri 10 ta' Lulju 2003, inghad illi : ".. l-Qorti ghandha tistabilixxi mhux biss l-ezistenza tat-titolu izda wkoll jekk dan it-titolu huwiex wiehed validu. Huwa biss meta l-Qorti ordinarja tistabilixxi li dan it-titolu jezisti, fis-sens illi d-detentur ta' fond qieghed jokkupah b'titolu ta' lokazzjoni, illi allura dik il-Qorti ma tibqax hekk kompetenti – "**Gaetano Cauchi vs Av. Dr. Tommaso Fenech noe",** Appell, Sede Inferjuri, 29 ta' Settembru 1948; **Vincent Camilleri noe vs Pio Muscat**, Appell Inferjuri, 21 ta' Jannar 1986.

Illi ghalhekk din il-Qorti hija dejjem kompetenti biex tisma u tiddeciedi jekk hemmx titolu validu ta' lokazzjoni u una volta ikun deciz fl-affermattiv, anke prima facie, il-kompetenza tal-Qorti ordinarja tieqaf hemm.
Fis-seduta tal-11 ta' Jannar, 2004 l-avukat difensur tal-konvenuta irrileva s-segwenti: "li l-kuntratt tal-24 ta' Ottubru 1973 skada u warajh saru kuntratti ohra ta' lokazzjoni. Il-konvenuta qieghdha tokkupa l-fond in kwistjoni bis-sahha ta' tigdid skond il-ligi wara li skada z-zmien patwit fi skrittura ta' lokazzjoni li saret fid-9 ta' Jannar, 1985 ..". Permezz ta' nota pprezentata waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu, 2004, il-konvenuta esebiet kopja fotostatika ta' ftehim privat bid-data tad-9 ta' Jannar, 1985 bejn is-socjeta' attrici u Joseph Caruana ghas-sullokazzjoni tal-fond mertu tal-kawza ghal zmien hames snin *di fermo* u hames snin sussegwenti *di rispetto* rinovabbli wara l-gheluq. Oltre dan esebiet kopja ta' ricevuta datata 10 ta' Lulju 2001 ghal hlas ta' kera dovuta u ricevuti ghal hlas ta' Trading Licenses;

Illi ir-ricevuta datata 10 ta' Lulju, 2001 tghid testwalment hekk: "Received from Joseph Caruana the sum of one thousand two hundred Maltese liri as payment for rent for premises 377 Manuel Dimech Street, Sliema, by cheque No 077 from 8$^{th}$ January 2001 to 7$^{th}$ January 2002." Ghalhekk id-dikjarazzjoni tal-konvenuta li hi qed tokkupa l-fond permezz ta' tigdid wara skadenza ta' ftehim datat 9 ta' Jannar, 1985 [li skada fid-9 ta' Jannar 1995 versu l-

kera ta' elf u mitejn lira fis-sena] tirrizulta wahda sostenibbli sabiex din il-Qorti tkun tista' tiddecieda dwar il-kompetenza o meno taghha *rationae materiae* sollevata mill-konvenuta.

Illi mill-ezami tal-provi dokumentarji jirrizulta illi s-socjeta' attrici ma kienitx konsapevoli tal-ftehim gdid bejnha, ossia wiehed mid-diretturi taghha, u l-konvenuta u wisq anqas tat-tigdid sussegwenti naxxenti mill-accettazzjoni tal-kera wara tali skadenza. Illi fil-gurisprudenza taghna dan kollu jammonta jew jista' jammonta ghal-titolu validu fil-ligi izda tali materja mhix ta' kompetenza ta' din il-Qorti;

Illi ghalhekk il-Qorti mhix kompetenti sabiex tisma u tiddeciedi dwar it-talba attrici stante li l-materja hija kompetenza tal-Bord li jirregola l-kera skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal dawn il-mottivi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba attrici.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------